**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs.**

**Raymond Borg**

Kaz Numru: 850/1999

Illum 16 ta' Novembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Raymond Borg**, ta' erbgha u erbghin (44) sena, iben Joseph u Joan neé Vella, residenti 'Lilfred', 8, Telghet ix-Xemxija, San Pawl il-Bahar imwieled il-Mellieha fis-7 ta' Awwissu 1955 u li ghandu l-Karta tal-Identita' bin-Numru 609155(M) akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, fit-2 ta' Mejju 1999 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-dannu ta' Alfen Trading Limited dan bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika ghamel qliegh ta' aktar minn Lm500[1] izda anqas minn Lm1,000[2] ghad-dannu ta' Alfen Trading Limited bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 139) datata 18 ta' Marzu 2015 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigu ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 18, 293[3], 294[4] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 18, 308[5], 309[6], 310(1)(a)[7] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 145 *et seq.*).

[1] Ekwivalenti ghal €1164.69.
[2] Ekwivalenti ghal €2329.37.
[3] Kif kien qabel l-emendi III.2002.55.
[4] Kif kien qabel l-emendi III.2002.56.
[5] Kif kien qabel l-emendi III.2002.62 u XXIV.2014.33.
[6] Kif kien qabel l-emendi III.2002.63 u XXIV.2014.34.
[7] Kif kien qabel l-emendi III.2002.64 u XXIV.2014.35.

Rat illi, fis-seduti tal-10 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 150) u tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 153), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 153), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-18 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 139), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 154), lid-difiza teccepixxi l-preskrizzjoni kif indikat f'Nota pprezentata minnha *seduta stante*, liema Nota giet immarkata bhala Dok. "X" (*a fol.* 155 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 161), il-Prosekuzzjoni vverbalizzat is-segwenti:

> "L-iSpettur Robert Vella, wara li n-Nota tad-difiza kif ukoll ikkonsulta mal-Avukat Generali, il-Prosekuzzjoni tiddikjara illi din il-kawza regghet bdiet mill-gdid fid-9 ta' Ottubru 2014.
>
> Illi r-reati indikati fl-akkuza saru f'Mejju 1999 u x-xhur ta' qabel.
>
> Illi l-ghola piena fl-akkuzi addebitati lill-imputat fl-1999 kienet dik ta' sena prigunerija.
>
> Illi skond l-Artikolu 688 sub Artikolu d tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-preskrizzjoni ghar-reati li jgorru sena piena hi dik ta' hames snin.
>
> Illi Artikolu 687 sub-Artikolu 2 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioé li jitkellmu dwar is-sospensjoni tal-preskrizzjoni f'dak iz-zmien li gew addebitati l-akkuzi tal-imputat ma kienux jezistu.

Illi meta wiehed iqis li mill-1999 sas-sena 2014 ghaddew hmistax-il sena, il-Prosekuzzjoni qed taqbel mad-difiza illi dawn l-akkuzi llum il-gurnata huma preskritti u ghalhekk qed tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti".

**Ikkunsidrat**

<u>Illi din is-sentenza ser titratta biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali sollevata mid-difiza.</u>

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li l-ligi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza ta' l-azzjoni u mhux l-aspett procedurali taghha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex u cioé illi bniedem ma jigix ipprocessat ghal xi azzjoni wara trapass twil ta' zmien meta l-provi li jridu jigu prodotti quddiem il-Qorti jkunu jew intilfu jew gew, per ezempju, offuskati minhabba t-telfien tal-memorja tax-xhieda li jigu prodotti.

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- L-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat jaghmlu riferenza ghal: *"2 ta' Mejju 1999 u fix-xhur ta' qabel"*[8].

- Minkejja li c-*charge sheet* fil-konfront tal-imputat giet ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-3 ta' Dicembru 1999 u minkejja li mill-ewwel seduta li nzammet fl-14 ta' Jannar 2000 (*a fol.* 7) sas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 127) inzammu diversi seduti fejn, fost l-ohrajn, tressqu l-provi, fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014 l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat regghu inqraw bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur. Dan ifisser li l-kawza regghet bdiet fid-9 ta' Ottubru 2014.

- Illi riferenza sejra ssir ghall-piena prevista ghar-reati li taghhom skond l-Avukat Generali ghandha tinstab htija fl-imputat. Artikoli 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew kollha emendati permezz ta' Att Numru III tas-

[8] *A fol.* 1.

sena 2002. Qabel dahal fis-sehh dan l-Att, il-pieni kienu s-segwenti:

- Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien igorr piena ta' mhux izjed minn disa' xhur;

- Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien igorr piena ta' minn hames xhur sa sena;

- Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien igorr piena ta' minn erba' xhur sa sena;

- Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien igorr piena ta' minn xahar sa tliet xhur.

- Illi Artikolu 688 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –
>
> […]
>
> (d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena"

- Illi Artikolu 687(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża".

Illi dan is-sub-Artikolu kwotat ma ghandux ikollu applikazzjoni ghall-kaz in ezami *stante* li gie introdott b'Att Numru III tas-sena 2002.

**Ikkunsidrat**

Illi, mehud dan kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li effettivament l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma fil-fatt preskritti *ai termini* ta' Artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana in vista tal-fatt li, kif jirrizulta hawn fuq, ghadda z-zmien previst mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, inkluz dak li nghad mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 161) u dak li nghad mid-difiza fin-Nota taghha (Dok. "X" – *a fol.* 155 *et seq.*), wara li rat Artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni ta' prosekrizzjoni sollevata mid-difiza u b'hekk tiddikjara l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat bhala preskritti u konsegwentement estinti.

_____________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

_____________________________

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**